MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Numru 1215/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**v**

**Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhizi, 20 sena, iben il-mejtin Sunungurai Vatema u Veronica nee Zammit, imwieled Harare, Zimbabwe fl-14 ta’ Ottubru, 1986, u li joqghod Jorita Court, Flat 2, Triq il-Glieba, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 123804 (L)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi li gie akkuzat talli fl-4 ta’ Novembru, 2006 ghall-habta tas-7 p.m. u/jew fil-jiem u fix-

xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa San Pawl il-Bahar;

(1) ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb minn Flat 7, Pineview, Triq il-Glieba, San Pawl il-Bahar ghad-dannu tal-koppja Anthony u Wilhelmina Schembri, liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-persuna u bil-lok;
(2) talli fil-21 ta' Lulju, 2006 f'xi hin bejn it-8.00 p.m. u l-11.30 p.m. gewwa l-Freeze Discotheque f'Misrah il-Bajja, Bugibba ikkommetta serq ta' camera tar-ritratti tal-marka Sony ghad-dannu My Maria Helena Josefsson liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccedix l-ef lira Maltin u bil-hin;
(3) talli fl-14 ta'Lulju, 2006 bejn it-8 a.m u s-6.00 p.m minn kamra nru. 2222 tal-lukanda Bugibba Holiday Complex fi Triq it-Turisti, Bugibba, ghad li ma kienx wiehed mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) ta' l-artiklu 42 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xjentement ghen, jew assista lil awtur tad-delitt ta' serq fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, liema serqa hija aggravata bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-lok;
(4) talli fl-20 ta' Lulju, 2006 bejn it-8 a.m u nofsinhar minn kamra nru. 6609 tal-lukanda Bugibba Holiday Complex fi Triq it-Turisti, Bugibba ghad li ma kienx wiehed mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) ta' l-artiklu 42 tal-Kapitlu 9, xjentement ghen, jew assista lil awtur tad-delitt ta' serq fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, liema serqa hija aggravata bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-lok;
(5) f'dawn l-ahhar xhur, qabel l-4 ta' Novembru, 2006, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 9.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji a fol 11.

Rat li gew ammessi l-ewwel, it-tieni u r-raba’ akkuza dan wara li l-akkuzat gie moghti diversi opportunitajiet li jahseb fuq l-istess, fil-fatt giet irtirata l-ammissjoni fuq il-hames akkuza in kwantu kienet wahda alternattiva ghall-ohrajn gia ammessi.

Rat li ma ngabet ebda prova fil-konfront tat-tielet akkuza, in kwantu hekk l-akkuzat qed jigi liberat minnha.

Illi in vista ta’ dak premess u wara li rat l-artikoli 42, 261, 268, 269, 279, 280, 20 tal-Kapitlu 9.

Dwar il-piena rat il-pre sentencing report, b’mod specjali dak li kienet it-trobbija ta’ l-akkuzat, anke b’mod partikolari tat konsiderazzjoni ghal ittra annessa ma’ l-istess rapport ta’ Fr Frankie Cini.

Ghaldaqstant wara li qieset l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri, rat il-fedina penali netta ta’ l-istess akkuzat, tqis li l-piena idonea hija dik ta’ sentenza sospiza ghaldaqstant bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-kapitlu 9 tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba’ snin.

Qeghda wkoll b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 286 tal-Kapitlu 9 tqeghdu taht ordni ta’ supervizjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------